MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 701/2004

**Vincenzo Grixti**

**vs**

**1. Marianna Micallef**
**2. Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tal-attur Vincent Grixti datata 20 ta' Settembru 2004 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-attur u l-konvenuta Marianna Micallef huma l-unici zewg ulied u eredi universali ta' Nicola Grixti illi miet fid-19 t'Ottubru 1993 (ara certifikat tal-mewt anness bhala Dok "A") u Paola Grixti illi mietet fl-20 ta' Marzu 1995 (ara certifikat tal-mewt anness bhala Dok "B") u dan in forza

tal-ahhar testment revokatorju *'unica charta'* tal-imsemmija Nicola u Paola, konjugi Grixti datat 25 ta' Gunju 1990 u iskritt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Felix Abela (Dok "C").

Illi l-attur u l-konvenuta Marianna Micallef diga` qasmu u ddividew bejniethom l-immobbli liberi u franki illi huma wirtu minghand il-genituri taghhom Nicola u Paola, konjugi Grixti konsistenti f'zewg 'garages' kontigwi li jgibu n-numri 16 u 16A fi Triq Censa Spiteri, Dingli, l-ghalqa maghrufa bhala 'tal-Kunfettier' fil-limiti ta' Had-Dingli li ghandha kejl superficjali ta' circa 2,810.25 metri kwadri u l-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Brahin' fil-limiti ta' Had-Dingli li ghandha kejl superficjali ta' 1788 metri kwadri, filwaqt illi decidew u qablu bejniethom illi jhallu indivizi bejniethom dawk l-immobbli li mhumiex facilment divizibbli, u cioe' tromba tat-tarag bla numru li tiftah fuq Triq Censa Spiteri, Dingli u li taghti access ghall-arja tal-imsemmija zewg 'garages' kontigwi li jgibu n-numri 16 u 16A fi Triq Censa Spiteri, Dingli u porzjoni diviza ta' art kontigwa mal-istess zewg *garages* u kif ukoll zewgt ikmamar ossija kamra u kuridur kontigwi ghall-istess art li jinsabu fil-pjan terren u huma sottoposti ghall-beni ta' terzi u jgibu n-numru 18, Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, Dingli.

Illi l-attur u l-konvenuta Marianna Micallef diga' qasmu bejniethom ukoll id-depoziti bankarji illi kellhom f'isimhom l-imsemmija defunti genituri taghhom Nicola u Paola, konjugi Grixti.

Illi ukoll l-attur u l-konvenuta Marianna Micallef qasmu bejniethom zewg (2) snieter illi kellu l-imsemmi defunt Nicola Grixti billi hadu wiehed kull wiehed b'dana pero` illi l-konvenuta Marianna Micallef kellha thallas somma flus lill-attur bhala ekwiparazzjoni minhabba d-differenza fil-valur bejn is-senter li gie assenjat lilha u dak li gie assenjat lill-attur, liema Mas pero' sallum ghadu ma sarx.

Illi wkoll l-attur inkorra spejjez amministrattivi u ancillari fis-somma ta' Lm59 in konnessjoni mat-trasferiment u l-assenjazzjoni tal-imsemmija zewgt isnieter, u l-konvenuta Marianna Micallef naqset milli tirrifondi lill-attur nofs l-

imsemmija spejjez amministravi u ancillari minnu inkorsi kif kien pattwit bejniethom.

Illi l-gid u l-assi ereditarji provenjenti mill-wirt tal-imsemmija defunti Nicola u Paola, konjugi Grixti illi l-attur u l-konvenuta Marianna Micallef ghadhom ma qasmux u ma ddividewx bejniethom huma l-flus kontanti illi l-istess Nicola u Paola, konjugi Grixti kellhom fid-dar, id-deheb tal-imsemmija deilinti Nicola u Paola, konjugi Grixti, l-ghamara, mobbli u fajjenza illi kienu jappartjenu lill-imsemmija deflinti Nicola u Paola, konjugi Grixti u t-titolu lokatizju illi d-defunti Nicola u Paola, konjugi Grixti kellhom minghand il-konvenut Kummissarju tal-Artijiet fuq artijiet fil-Buskett (maghrufa bhala tenement 050502) konsistenti f' zewgt irziezet b'erbat itmiem raba' maghhom (ara Dokument "D" anness).

Illi dawn iz-zewgt irziezet jikkonsistu f'razzett zghir (maghruf bhala r-razzett ta' barra) illi jinsab fil-pussess tal-attur u razzett iehor ferm ikbar minnu (maghruf bhala r-razzett ta' gewwa) illi jinsab fil-pussess tal-konvenuta Marianan Micallef.

Illi l-attur interpella lill-konvenuta Marianna Micallef diversi drabi sabiex tersaq ghal din id-divizjoni kemm permezz ta' ittra interpellatorja datata 11 ta' Frar, 2002 (Dok "E"), ittra interpellatorja ohra datata 12 t'April, 2003 (Dok "F"), ittra ufficjali datata 16 t'Apri, 2004 (Dok "G") u ittra ufficjali ohra datata 12 t'Awwissu 2004 (Dok "H") illi permezz taghha gie interpellat ukoll il-konvenut l-iehor il-Kummissarju tal-Artijiet ghall-finijiet u l-effetti tal-ligi u ghal kull interess illi huwa ghandu, izda l-konvenuta Marianna Micallef baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Prevja kull dikjarazzjoni talvolta mehtiega u necessarja skont il-ligi, inkluz dikjarazzjoni illi l-attur u l-konvenuta Marianna Micallef huma l-unici eredi universali tad-defunti Nicola u Paola, konjugi Grixti, tillikwida l-konsistenza tal-assi ereditarji provenjenti mill-wirt tad-

defunti Nicola u Paola, konjugi Grixti illi ghadhom ma gewx divizi bejn l-attur u l-konvenuta Marianna Micallef, bl-eccezzjoni ta’ dawk l-immobbli illi l-istess attur u l-konvenuta Marianna Micallef qablu u ftiehmu illi ghandhom jibqghu f’ishma ugwali u indivizi bejniethom, u senjatament il-konsistenza tal-flus kontanti, deheb, mobbli, ghamara u fajjenza.

2. Tifred l-imsemmija assi ereditarji konsistenti fi flus kontanti, deheb, mobbli, ghamara u fajjenza f’zewg porzjonijiet ugwali u tassenja porzjon minnhom lill-attur u porzjon iehor lill-konvenuta Marianna Micallef salv kwalsijasi ordni ta’ hlas in ekwiparazzjoni li talvolta jista’ jkun mehtieg skont il-kaz.

3. Tiddikjara illi l-konvenuta Marianna Micallef ghandha thallas lill-attur somma flus bhala ekwiparazzjoni rapprezentanti d-differenza fil-valur tas-senter lilha assenjat u l-valur tas-senter assenjat lill-attur fid-divizjoni taz-zewgt isnieter illi saret bejniethom.

4. Tillikwida l-imsemmija somma flus illi l-konvenuta Marianna Micallef ghandha thallas lill-attur ghal dan l-iskop, okkorrendo bl-opera ta’ perit nominandi.

5. Tikkundanna lill-konvenuta Marianna Micallef biex thallas lill-attur dik is-somma kif likwidata.

6. Tikkundanna lill-konvenuta Marianna Micallef biex thallas lill-attur is-somma ta’ Lm29.50 rapprezentanti nofs l-ispejjez amministrattivi u spejjez ancillari inkorsi mill-attur in konnessjoni mat-trasferiment u l-assenjazzjoni taz-zewgt isnieter fuq imsemmija.

7. Tiddikjara illi l-attur flimkien mal-konvenuta Marianna Micallef ghandhom it-titolu lokatizju minghand il-konvenut Kummissarju tal-Artijiet fuq l-artijiet fil-limiti ta’ Had-Dingli imsejha tenement 050502 konsistenti f’zewgt irziezet u circa erbat itmiem raba’.

8. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, inkluz dikjarazzjoni illi dawn l-artijiet huma

komodament dizivibbli, tiddividi l-imsemmija artijiet komprendenti zewgt irziezet u erbat itmiem raba' f'zewg porzjonijiet ugwali, salv kwalsijasi ordni ta' hlas in ekwiparazzjoni li talvolta tkun mehtiega skont il-kaz, u dan okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi.

9. Tassenja lill-attur u lill-konvenuta Marianna Micallef porzjon kull wiehed okkorrendo bil-mezz tas-sortegg u tordna l-hlas ta' dik is-somma in ekwiparazzjoni li talvolta tkun mehtiega jekk ikun il-kaz.

10. Tikkundanna lill-konvenuta Marianna Micallef sabiex taghmel dak kollu li jkun mehtieg u necessarju sabiex tinghata ezekuzzjoni shiha u effettiva ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi ghal dan l-assenjament u ghal dawn l-ordinijiet tal-Qorti.

11. Tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-konvenuta Marianna Micallef fl-eventwali kontumacja taghha *fuq* kull att u/jew skrittura li tkun mehtiega sabiex dan kollu jinghata ezekuzzjoni shiha u effettiva skont il-ligi.

12. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jirredigi u jippubblika kwalsijasi att pubbliku u/jew skrittiura illi talvolta jkun mehtieg ghall-istess skop.

13. Tipprefiggi data, lok u hin illi fihom ghandu jigi pubblikat l-att relattiv u/jew jigu ffirmati dawk id-dokumenti u skritturi mehtiega sabiex dan kollu jinghata ezekuzzjoni shiha u effettiva skont il-ligi; u

14. Tordna lill-konvenut Kummissarju tal-Artijiet sabiex jidher fuq kwalsijasi att u/jew skrittura u sabiex jaghmel dak kollu li huwa mehtieg u necessarju in ezekuzzjoni ta' dan l-istess ordni u sabiex tali divizjoni u assenjazzjoni tal-immobbli lokati tinghata ezekuzzjoni shiha u effettiva skont il-ligi.

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra interpellatorja datata 11 ta' Frar 2002, l-ittra interpellatorja ohra datata 12 t'April 2003, l-ittra ufficjali datata 16 t'April 2004 u l-ittra ufficjali

datata 12 t'Awwissu 2004 kontra l-konvenuti jew min minnhom minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 5 u 6 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 7 sa 22 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tad-9 ta' Novembru 2004.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Marianna Micallef datata 14 ta' Ottubru 2004 a fol 27 tal-process fejn eccepiet: -

(1) Illi diversi mill-affarijiet imsemmija mill-attur fit-talbiet tieghu gja gew divizi u ghalhekk ma hemm l-ebda lok li jergghu jigu divizi kif qed jigi mitlub mill-istess attur; in partikolari l-flus li kien hemm gew kollha maqsuma.

(2) Illi dwar is-snieter dawn gew divizi ghas-sodisfazzjon taz-zewg partijiet u ma hemm l-ebda lok ta' ebda ekwiparazzjoni jew hlas ta' spejjez ohra.

(3) Illi fir-rigward tal-artijiet detenuti bi qbiela dawn gew maqsuma bejn il-partijiet u saru l-proceduri kollha mehtiega biex l-Kummissarju tal-Artijiet jirrikonoxxi lil kull wiehed minnhom f'dik il-parti li giet lilu assenjata u ghalhekk ma hemm l-ebda lok ghall ebda divizjoni ohra.

(4) Illi l-attur ma kienx gustifikat li jipprovoka l-ispejjez tac-citazzjoni fid-dawl tac-cirkostanzi kollha u ghalhekk l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta a fol 28 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 29 sa fol 57 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet datata 26 ta' Ottubru 2004 a fol. 58 tal-process fejn eccepixxa: -

1. Illi t-talba attrici kif dedotta kontra tieghu hija infondata fil-fatt u fi dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

2. Illi l-attur u l-konvenuta l-ohra Marianna Micallef, diga` huma rikonoxxuti *in solidum,* fil-qbiela, fuq parti mill-art indikata minnhom, u cioe` *Quarto Soprano, u Quarto di Mezzo,* fil-Buskett, limiti tar-Rabat, fil-kejl ta' erbat elef, tmien mija u wiehed u sebghin metri kwadri, (4871 mk), minflok missierhom il-mejjet Nicholas Grixti, u dan skont id-dispozizzjonijiet tal-**Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta**, u peress illi l-qbiela fuq it-*tenement* kollu (u cioe` numru 50502, hija *in solidum* bejn diversi persuni).

3. Illi *oltre*, r-rikonoxximent kif gia sueccepit, ma jonqos li jsir xejn aktar da parti tal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet a fol. 59 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda flimkien ma' dokument esebit a fol 60 sa 62 tal-process.

Rat l-affidavit tal-attur esebiet b'nota datata 24 ta' Novembru 2004 (fol. 67) u daj b'nota datata 14 ta' Frar 2006 (fol. 114); xhieda ta' Anthony Deguara, Assistant Kummissarju ta' l-Artijiet datata 18 ta' Marzu 2005 (fol. 76); xhieda Margaret Falzon datata 3 ta' Mejju 2006 u 22 ta' Gunju 2006; xhieda tal-konvenuta datata 2 ta' Frar 2007 (fol. 184), 20 ta' Frar 2008 (fol. 197) u 4 ta' Gunju 2008; xhieda ta' Amanda Caruana datata 9 ta' Novembru 2007, 25 ta' April 2008, u 23 ta' Gunju 2008; Martin Bajada tal-14 ta' Novembru 2008 u 15 ta' Novembru 2008.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2005 (fol. 83) l-attur talab nomina ta' Perit Tekniku biex jistabbilixxi l-estensjoni tal-proprjeta` in kwistjoni limitatament ghal proprjeta` immobbilarja mikrija minghand il-Kummissarju tal-Artijiet u jahgmel pjan ta' divizjoni fuq l-immobbli. Il-Qorti laqghet il-talba a spejjez provizorjament tal-attur, u nnominat ghal dan l-iskop lill-Perit Ellul Vincenti. Il-Perit gie dirett jezamina u juzufruwixxi mid-dokumenti u pjanta gja` ezistenti fil-process.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Joseph Ellul Vincenti pprezentat fir-registru fil-5 ta' Lulju 2005 u mahluf fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2005 (fol. 98 *et sequitur).*

Rat in-nota tal-attur datata 21 ta' Ottubru 2005 fejn l-attur talab il-hatra ta' periti perizjuri u n-nota ulterjuri datata 14 ta' Frar 2006 (fol. 117) fejn irrimetta ruhu ghar-rapport redatt u ddikjara li ma ghandux domandi x'jaghmel in eskussjoni u lanqas qed jitlob in-nomina ta' periti addizzjonali.

Rat ir-rikors tal-attur Vincenzo Grixti datat 8 ta' Mejju 2006 a fol 163 tal-process fejn talab tawtorizzah jaghmel domandi in subizzjoni lill-konvenuta Marianna Micallef, okkorrendo, skont l-ordnijiet u l-provvedimenti ta' din l-Qorti fis-seduta li jmiss tat-22 ta' Gunju 2006; u nnominat Perit Tekniku sabiex jaghmel stima tal-ghamara, fajjenza u oggetti tad-deheb in kwistjoni u tas-snieter in kwistjoni (u cioe` dak illi zamm l-attur u dak illi zammet il-konvenuta); u l-Qorti laqghet l-ewwel talba u nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli sabiex tiffissa seduta ghal dan l-iskop u nnominat bhala Perit Tekniku lil Vincent Ciliberti sabiex jistma l-oggetti indikati mill-atturi u l-partijiet u okkorrendo jaghmel deskrizzjoni l-istess.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-15 ta' Novembru 2006 fejn innominat bhala Perit Legali lil Dr. Ramona Frendo sabiex tirrelata dwar it-talbiet attrici wara li tiehu konjizzjoni tal-

eccezzjonijiet tal-konvenuti u dan kollox a spejjez provizzjorjament attrici (fol. 156) u ordnat lill-istess Perit Legali biex tiffissa seduta ghall-konkluzjoni tal-provi partijiet. Il-Qorti ordnat ukoll li jigi esegwit dak diga` ordnat fid-digriet taghha tal-14 ta' Novembru 2006 b'dan pero` li gie revokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli, u dan *stante* n-nomina tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo llum moghtija.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur Vincenzo Grixti datata 6 ta' April 2009 a fol 262 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta Marianna Micallef datata 15 ta' Mejju 2009 a fol 273 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Artijiet datata 28 ta' Mejju 2009 a fol 279 tal-process.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo u s-sur Vincent Ciliberti bhala Perit Tekniku, ipprezentat fir-registru fis-17 ta' Marzu 2011 u mahluf fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2011 a fol 295 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-25 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-Profs Ian Refalo u Dr. Mark Refalo ghall-konvenuti, il-konvenuta prezenti u l-attur mhux assistit. Il-Profs Refalo talab li jaghmel nota ta' kritika. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet hamsin (50) gurnata zmien ghal tali nota, bin-nofitika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu hamsin (50) gurnata biex jirrispondi. Il-kawza differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-26 ta' April 2012.

Rat in-nota ta' kritika ghar-rapport tal-Perit Legali datata 16 ta' Dicembru 2011 a fol 365 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza tirrigwarda t-talba ta' l-attur ghad-divizjoni ta' l-assi ereditarji tal-genituri tal-kontendenti u l-ekwiparazzjoni relattiva fejn ikun il-kaz.

Illi jirrizulta li l-assi illi jissemmew f'dawn il-proceduri bhala illi ghadhom ma gewx divizi huma s-segwenti : -

(a) it-titolu lokatizju illi d-defunti kellhom minghand il-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet fuq artijiet fil-Buskett (maghrufa bhala *tenement* 050502) konsistenti f'zewg irziezet b'erbat itmiem raba' maghhom illi jikkonsistu f'razzett zghir (maghruf bhala r-razzett ta' barra) u razzett ikbar (maghruf bhala r-razzett ta' gewwa);

(b) il-flus kontanti illi d-defunti Nicola u Paola konjugi Grixti kellhom fid-dar;

(c) *bank account* f'Bank barrani ;

(d) id-deheb;

(e) l-ghamara, mobbli u fajjenza.

Illi l-attur ghamel referenza wkoll ghal zewg snieter illi diga` gew divizi bejn il-kontendenti ahwa izda fir-rigward ta' liema l-attur jippretendi illi hija dovuta ekwiparazzjoni.

Illi mill-atti jirrizukta li komprizi fl-assi ereditarji tal-konjugi defunti Grixti, u wkoll indivizi, hemm ukoll artijiet maghrufa bhala tal-Qaws limiti ta' Had-Dingli illi qieghdin bi qbiela minghand terzi. B'danakollu l-attur, filwaqt illi fl-ewwel talba tieghu jirreferi ghall-assi ereditarju tal-genituri tieghu, fit-talbiet sussegwenti tieghu jillimita l-pretensjonijiet tieghu unikament ghall-kwistjoni tal-flus kontanti, deheb, mobbli, ghamara u fajjenza, is-somma ta' Lm 29.50 rapprezentanti nofs l-ispejjez amministrattivi u spejjez ancillari inkorsi mill-attur in konnessjoni mat-trasferiment u

l-assenjazzjoni taz-zewgt isnieter,u ghar-raba' illi fuqu t-testaturi kellhom titolu ta' qbiela minghand il-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet. Il-konvenuta, mill-banda l-ohra, ghalkemm ghamlet referenza ghal tali proprjeta`, effettivament ma ressqet ebda kontro-talba f'dan ir-rigward, u kwindi l-esponenti Perit Legali hija tal-fehma illi dina l-Onorabbli Qorti ma tistax tiddeciedi dwar dina l-materja minghajr ma tikser il-principju ta' *ultra petita*.

Illi b'referenza ghat-tromba tat-tarag bla numru li tiftah fuq Triq Censa Spiteri, Dingli, li taghti access ghall-arja ta' zewg *garages* kontigwi li jgibu n-numri 16 u 16A fi Triq Censa Spiteri, Dingli, u porzjon diviza ta' art kontigwa ma' l-istess zewg *garages*, kif ukoll zewg kmamar u kuridur kontigwi ghall-istess art li jinsab fil-pjan terran, u li huma sottoposti ghal beni ta' terzi, u jgibu n-numru 18, Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, Dingli, jigi rilevat illi dawn ukoll ma gewx imsemmija mill-kontendenti ahwa fit-talbiet u lanqas ma tressqet ebda kontro-talba relattivament ghal dan. U kwindi f'dan ir-rigward ukoll ma hix mehtiega decizjoni minn dina l-Qorti, ghalkemm il-Perit Legali taghmel referenza ghall-konkluzjoniji ta' l-esponenti Perit Tekniku illi tali proprjeta` ghandha tibqa' indiviza bejn il-partijiet sakemm isir il-bejgh taghha u r-rikavat jigi diviz ugwalment bejn il-partijiet sakemm dawn ma jiftiehmux mod iehor bejniethom.

Illi dwar it-titolu ta' qbiela fuq tenement 050502 jirrizulta li l-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet kera zewg irziezet bir-raba' maghhom fil-Buskett imsejjha "*Quarto Soprano*" u "*Quarto di Mezzo*" lil Mary Azzopardi, Kalc Bugeja, Nikol Grixti, Maria Frangiska Borg u Philip Galea *in solidum* bejniethom permezz ta' skrittura datata 2 ta' Settembru 1989. Wara l-mewt ta' Nikol Grixti, l-istess konvenut irrikonoxxa lill-attur u lill-konvenuta Micallef minflok missier l-istess kontendenti f'din il-kirja, skond kif jirrizulta mill-ittra datata 19 ta' Awwissu 1998 (Dok. "EC 1". Il-porzjon ta' art illi fuqha l-ahwa Grixti u Micallef ghandhom titolu *in solidum* bejniethom tkejjel 4,871 metri kwadri, u dan versu l-hlas tal-qbiela solidalment bejniethom, fl-ammont ta' Lm 4.38. Effettivament jirrizulta illi l-

kontendenti ahwa, jew min minnhom, dejjem hallsu din il-qbiela sa mis-sena 1998 ‘il quddiem.

Illi sussegwentement iz-zewg kontendenti ahwa applikaw ghall-iSkema tal-Qbiela mahruga mill-konvenut Kummissarju ta’ l-Artijiet sabiex tigi rikonoxxuta qbiela fuq art agrikola tal-Gvern (affidavit ta’ Albert Mamo datat 11 ta’ Dicembru 2001). Ma’ l-applikazzjoni relattiva taghhom, kemm l-attur u kif ukoll il-konvenuta Micallef annettew dikjarazzjoni (Dok. “QB 1” – skrittura privata datata 3 ta’ April 2001) iffirmata minnhom fejn dawn iddikjaraw illi huma qasmu r-raba’ maghrufa bhala *Quarto Soprano* u *Quarto di Mezzo* skond il-pjanti annessi ma’ l-istess dikjarazzjoni. Din l-iskrittura privata illi giet iffirmata wkoll minn terzi estranei ghal dawn il-proceduri illi wkoll ghandhom parti mit-*tenement* 050502 hija datata 3 ta’ April 2001 u giet esebita u mmarkata bhala Dok. “QB1”.

Illi permezz ta’ dina l-iskrittura, il-firmatarji ddikjaraw illi qasmu r-raba’ tat-*tenement* 050502 illi jinsab bi qbiela ghandhom u illi kull wiehed minnhom kien ser jiehu l-parti diviza rizultanti mill-istess pjanti: -

*“niddikjaraw illi ahna qsamna r-raba’ maghruf ta’ Quarto Soprano u Quarto di Mezzo, fil-kontrada ta’ Buskett limiti tar-Rabat, Malta, numru tat-tenement 050502 li jinsab b’qbiela ghandna, u dana kollox rizultanti mill-pjanti annessi ma’ kull applikazzjoni. Ghalhekk ahna naccettaw li kulhadd ghandu jiehu dik il-parti divisa rizultanti mill-istess pjanti”*

Illi l-konvenuta Micallef tissottometti illi din l-iskrittura taghmel stat bejnha u bejn huha, b’dan li l-attur ma setax iressaq talba ghad-divizjoni ta’ din il-qbiela. F’dan ir-rigward jigi fl-ewwel lok rilevat, li, skond ma jirrizulta mix-xhieda ta’ Martin Bajada, l-istess skrittura privata ma gietx iffirmata mill-kompropretarji kollha (xhieda Martin Bajada datata 14 ta’ Novembru 2008). Inoltre l-istess skrittura ma fiha ebda dikjarazzjoni fis-sens illi d-divizjoni illi saret referenza ghaliha saret a pien sodisfazzjon tal-firmatarji kollha (u wisq anqas tat-terzi komproprjetarji estranei ghall-istess dokument). Lanqas hemm dikjarazzjoni illi l-

istess firmatarji m'ghandhom l-ebda pretensjoni ohra fil-konfront ta' xulxin f'dan ir-rigward, jew illi ma hemm l-ebda lok ta' ekwiparazzjoni in konnessjoni ma' din id-divizjoni.

Illi effettivament, jirrzulta li l-iskema mahruga mill-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet kienet tirrikjedi illi l-applikazzjonijiet isiru sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2001 (*vide Skema biex tinghata Qbiela lil min qieghed jahdem art agrikola tal-Gvern* – Dok. "SG1") mentri l-iskrittura bejn l-ahwa kontendenti u t-terzi ko-inkwilini fuq l-art *de quo* saret fit-3 ta' April 2001 – u cioe` wara illi l-applikazzjonijiet kienu, teknikament, maghluqa. Jirrizulta ghalhekk kjarament illi l-iskrittura Dok. "QB1" saret espressament in konnessjoni ma' l-applikazzjonijiet illi kienu qieghdin isiru mal-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet, u li kwindi saret ukoll b'certa ghaggla – kif jidher mill-iskrittura nnifisha.

Illi fic-cirkostanzi ghalhekk l-iskrittura ffirmata bejn il-kontendenti Grixti u Micallef (Dok. "QB1") ma tostax it-talba ta' l-attur ghad-divizjoni ta' l-istess art mizmuma b'titolu ta' qbiela, u kwalunkwe hlas ta' ekwiparazzjoni illi tista' tkun dovuta.

Illi mill-provi jirrizulta wkoll li l-konvenuta Micallef ilha ghal diversi snin tokkupa r-razzett il-kbir filwaqt illi l-attur qieghed jokkupa r-razzett iz-zghir. Ovvjament, il-fatt illi l-partijiet kienu qieghdin igawdu wiehed mill-irziezet kull wiehed, ma jwassalx ghall-konkluzjoni illi l-assi gew effettivament divizi hekk kif qieghdin jigu gawduti. Hekk kif provdut f'**artikolu 498** tal-**Kap 16** tal-**Ligijiet ta' Malta**, tista' tintalab il-qasma anke jekk il-komproprjetarji jkunu qieghdin igawdu bicca mill-beni in komun dejjem sakemm ma tkunx saret qasma jew jekk ma jkunx hemm pussess bizzejjed illi jaghti lok ghall-preskrizzjoni (**artikolu 498 tal-Kap. 16)**. Issa, fil-kawza odjerna ma jirrizultax illi saret qasma skond il-Ligi u lanqas kien hemm pussess bizzejjed kif titlob il-Ligi sabiex tigi applikata l-preskrizzjoni akkwizittiva.

Illi dan l-istat legali effettivament huwa rifless f'dak illi xehed Martin Bajada in rapprezentanza tal-konvenut

Kummissarju ta' l-Artijiet fl-14 ta' Novembru 2008 illi sahansitra insista illi l-parti illi tmiss lill-kontendenti ahwa lanqas biss hija distingwibbli mill-bqija ta' l-art *de quo*: -

"*l-fond illi qieghed nitkellem fuqu fil-fatt huwa mikri in solidum lill-kontendenti odjerni, flimkien ma' terzi pero` hadd ma jaf liema parti qieghed jokkupa jew ghandu dritt ghaliha peress illi ma hemmx divizjoni*…

*"Il-kontendenti ghandhom fil-pussess taghhom in solidum bejniethom 4,871 metri kwadri minn din l-estenzjoni kollha. Meta l-kontendenti gew rikonoxxuti bhala ko-inkwilini godda minflok id-defunt missierhom, giet indikata lilhom il-qbiela taghhom in solidum bejniethom izda separatament mill-ko-inkwilini l-ohra, fl-ammont ta' Lm 4.38 (skond ma jirrizulta mid-Dok. "EC1" esebit in atti). Nghid illi l-parti illi tmiss lill-kontendenti f'dan l-istadju mill-estensjoni kollha, mhix identifikabbli rispettivament"*.

Illi x-xhud Bajada kompla jghid illi minkejja illi l-kontendenti jkunu indikaw, fl-applikazzjoni minnhom maghmula (Dok. "ALS1" u Dok. "ALS2" f'dan il-kaz) l-area tal-kirja illi huma jghidu illi tispetta lilhom – tali indikazzjoni ta' l-area ma tkunx finali stante illi tista' tigi aggustata skond il-principji tad-Dipartiment meta tkun qed tigi pprocessata l-applikazzjoni relattiva. Bajada kompla jghid b'danakollu illi f'dan il-kaz jidher illi ma saret l-ebda oggezzjoni ghall-applikazzjonijiet rispettivi u illi effettivament, l-uniku ostakolu sabiex issir id-divizjoni, hija l-kawza odjerna. Wiehed ghalhekk jikkonkludi illi huwa improbabbli illi jsiru aggustamenti ghal dak indikat mill-applikanti, f'dan il-kaz.

Illi minn dan kollu jsegwi li t-titolu lokatizju ghal parti mill-estensjoni fil-kejl ta' 4,871 metri kwadri illi tappartjeni lill-kontendenti Grixti u Micallef, ghandu jigi diviz b'mod ugwali bejniethom galadarba huma eredi universali tad-defunti konjugi Grixti. B'dan il-mod, issir divizjoni formali u kwindi tkun tista' tibda tithallas qbiela separata sabiex b'hekk tali raba' u qbiela ma tibqax *in solidum* bejn l-istess kontendenti.

Illi issa jirrizulta illi, effettivament, permezz ta' l-iskrittura (Dok. "QB1"), il-kontendenti qablu illi kull wiehed minnhom jigi assenjat dik il-parti illi effettivament kien qieghed jokkupa. Din id-dikjarazzjoni, kif ukoll konsolidata permezz ta' l-applikazzjonijiet maghmula mal-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet (Dok. "ALS1" u Dok. "ALS2" rispettivament) ghandha tigi rispettata in kwantu tirrispekkja l-volonta` jew il-qbil bejn il-kontendenti ahwa dwar liema porzjon tispetta lil min.

Illi izda jirrizulta mir-relazzjoni Teknika tal-Perit Joseph Ellul Vincenti illi l-irziezet rispettivi ma jistghux jigu divizi b'mod ugwali minhabbba d-daqs taghhom tant li fir-rapport tekniku jinghad li kont tal-valur tal-bini ta' l-irziezet komprizi f'kull porzjon u l-valur ta' l-art mizmuma bi qbiela, gie ritenut illi tezisti diskrepanza bejn iz-zewg porzjonijiet ta' Lm 10,500. Fil-fatt il-Perit Tekniku Ellul Vincenti kien ikkonkluda illi "*Portion A* (illi tinsab fil-pussess tal-konvenuta Micallef) *irid ihallas darba wahda biss lil Portion B* (mizmuma mill-attur)*, is-somma ta' hamest elef, mitejn u hamsa u ghoxrin lira bhala ekwiparazzjoni".* Ma hemm ebda raguni ghhaliex din il-konkluzjoni ma ghandhiex tigi adottata u ghalhekk filwaqt illi l-konvenuta Micallef tigi assenjata l-porzjon indikata bl-ittra A mill-Perit Ellul Vincenti, mentri l-attur jigi assenjat il-porzjon B, l-istess konvenuta Micallef tkun obbligata illi thallas lill-attur is-somma ta' €12,230 kif imsemmija bhala ekwiparazzjoni rapprezentanti d-differenza bejn iz-zewg irziezet, ai termini ta' l-**artikolu 505** tal-**Kodici Civili**. Il-Qorti hadet nota tal-kritika li saret mill-konvenuta ghall-istess konkluzzjoni, izda din il-Qorti thoss li dak li qed issir huwa li qed tigi rispettata l-intenzjoni tal-partijiet kontenuta fl-istess dikjarazzjoni u fil-fatt il-qasma tar-raba' mqabbla saret abbazi tal-istess, izda la darba hemm diskrepenza f'dak li huwa l-valur tal-istess, ghandhu jkun hemm ekwiparazzjoni skond il-ligi, u dan anke peress li fl-istess skrittura ma hemm xejn x'jindika li l-attur irrinunzja ghall tali dritt u li tali dikjarazzjoni saret b'mod li l-pendenzi kollha bejn il-partijiet gew konkluzi, u dan anke jekk jigi limitat biss ghall dak li huwa l-oggett tal-qbiela; anzi l-provi kollha juru li l-istess dikjarazzjoni saret sabiex il-partijiet

japplikaw ghall-iskemi provduti mid-Dipartiment ghall qsim tal-istess raba'.

Illi dwar il-flus kontanti l-attur jallega illi hemm flus kontanti illi ma gewx maqsuma u li huwa ma hax is-sehem tieghu minnhom. Jghid li ommu kellha flus mohbija taht is-sigra tal-palm, u li dan jafu minghand ohtu stess – ighid illi ma jafx x'gara minn dawn il-flus u li minnhom ma ha xejn ghaliex hekk kif mietet ommu, id-dar ta' residenza taghha giet kompletament ikkapparrata mill-konvenuta anke tramite bintha Amanda Caruana illi kienet diga` tirrisjedi fl-istess dar flimkien ma' zewgha (affidavit datat 22 ta' Novembru 2004.

Illi mill-banda l-ohra, il-konvenuta Micallef tinsisti illi l-flus kontanti kollha illi nstabu gewwa d-dar ta' ommhom nqasmu *"Il-flus kontanti li kien hemm qsamthom ma' hija li gie minn jeddu ghal dan il-ghan*" (xhieda 23 ta' Frar 2007). Hija ssostni illi hija informat lil huha anke dwar il-flus illi sabet gewwa d-dar ta' ommha meta huwa ma kienx prezenti, u tghid illi dawn il-flus qasmuhom b'mod ugwali.

Illi x-xhieda moghtija mill-konvenuta Micallef u minn bintha Amanda Caruana, fl-assjem taghha, u kif se jigi rilevat ukoll aktar 'il quddiem, ftit li xejn hija kredibbli. Per ezempju, u dan b'referenza specifika ghall-kwistjoni tal-flus kontanti, kemm huwa kredibbli illi omm il-kontendenti kienet izzomm kexxun imsakkar izda li kull ma nstab fih wara mewtha kien imbarazz? Din il-Qorti thoss li minkejja dan ma ingabet l-ebda prova konkreta dwar x'kien l-ammont ta' flus kontanti illi ma gewx divizi bejn il-partijiet, u ghalhekk ma hemm xejn x'jinqasam f'dan ir-rigward proprju minhabba mankanza ta' provi.

Illi dwar il-flus f'bank barra minn Malta jirrizulta li z-zewg partijiet ahwa jaqblu illi d-defunti konjugi Grixti kellhom kont bankarju f'bank l-Ingilterra. L-attur ighid illi darba ohtu stess qaltlu illi kienet sabet karta dwar dan izda mbaghad qatt ma regghet qaltlu xejn x'sar minnhom. L-attur minn dawn il-flus ta' l-Ingilterra ma ha xejn.

Illi l-konvenuta Micallef fix-xhieda taghha permezz ta' affidavit qalet illi "*il-passbook intilef u ghalkemm kont ghamilt tentattiv sabiex ingib il-flus lura ma kienx irnexxieli u ma ergajtx pruvajt*". Fis-seduta tat-2 ta' Frar 2007, l-istess konvenuta xehdet illi minkejja illi taf illi hemm kont illi kien fih ammont zghir ta' mijiet, m'ghandhiex indikazzjoni tan-numru tieghu u lanqas ghandha ebda korrispondenza mal-Bank jew dokumenti relattivi ghall-istess.

Illi l-konvenuta Micallef sahansitra xehdet illi ghall-habta ta' l-2007, l-attur kien ircieva xi karta dwar dawn il-flus, u baghatha lilha. Illi din il-Qorti thoss li tali xhieda ma hijiex kredibbli izda minn naha l-ohra ma hemmx prova ta' kemm kienu dawn l-ammonti ta' flus depositati barra, u fid-dawl tad-dikjarazzjoni da parte tal-konvenuta li f'dan il-kont kien hemm xi ftit mijiet din il-Qorti tista' tasal biss ghall ammont stabilit fuq il-bazi ta' *artbitro boni viri* ghaliex flus zgur li kien hemm.

Illi dwar id-deheb l-attur isostni illi huwa ma ha xejn mid-deheb li kellhom id-defunti genituri tieghu, u li konsegwentement dan baqa' kollu f'idejn il-konvenuta minghajr ma saret qasma. L-attur ighid illi jaf illi l-genituri tieghu kellhom polka tad-deheb u deheb iehor bhal crieket, imsielet, gizirajjen u brazzuletti, curkett tal-kunsens u xi arlogg. Fl-affidavit tieghu jghid illi dakinhar illi ommu hassha hazin, kienet qaltlu sabiex jiehu curkett illi kien hemm fuq il-gradenza, izda hu ma hadux.

Illi mill-atti processwali, jidher illi wara l-mewt ta' Paola Grixti, ma nstab l-ebda deheb ghajr ghal curkett illi bint il-konvenuta, Amanda Caruana, tghid illi x'aktarx lanqas biss huwa tad-deheb. L-attur jghid illi meta staqsa lil ohtu dwar id-deheb, din tatu tliet verzjonijiet differenti ossia: illi l-genituri taghhom ma kellhomx deheb; illi ommhom kienet bieghet id-deheb; u illi ommhom kienet tat id-deheb lill-konvenuta Micallef stess. Madanakollu l-attur huwa konvint illi l-ebda wahda minn dawn il-verzjonijiet m'hija vera u fuq kollox ighid illi ommu zgur ma bieghitx id-deheb ghaliex din ma kienitx bzonn il-flus.

Illi fix-xhieda taghha permezz ta' affidavit mahluf fis-7 ta' Novembru 2004, il-konvenuta Micallef tghid illi ommha tat brazzuletta lil bintha Amanda Caruana f'gheluq sninha fis-sena 1989. Tghid ukoll illi fid-dar ta' omm il-kontendenti kien hemm xi deheb personali tal-konvenuta stess illi hija kienet gabet maghha mill-Awstralja fosthom polka illi tghid illi kien tahielha n-nannu xi erbghin sena qabel. Il-konvenuta Micallef cahdet dak illi qal huha fl-affidavit dwar id-diskors illi qalet hi, u tishaq sempliciment illi hi ma tafx ommha x'ghamlet bih id-deheb illi kellha. Waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2007, il-konvenuta xehdet "*Naf illi f'hajjitha kellha xi deheb pero` ma kienitx tilbsu u gieli kienet tmur tibdlu u minflok iggib xi crieket ghat-tfal tieghi jew ghat-tfal ta' hija*" u mbaghad qalet illi "*dak li kien baqa' naf li ommi bieghetu"* u *"Meta mietet ommi ma sabniex deheb".*

Illi f'dan, il-konvenuta Micallef, hija essenzjalment ikkorroborata minn bintha Amanda Caruana illi kienet tghix fid-dar ta' omm il-kontendenti kemm qabel kif ukoll wara l-mewt taghha. B'danakollu, tali korroborazzjoni qajla tirrendi lix-xhieda konvincenti jew kredibbli. Il-Qorti fl-istat tal-provi kif inhuma taqbel mal-Perit Legali fejn hija aktar propensa illi temmen illi l-genituri u senjatament omm l-ahwa kontendenti kellha dehebijiet, izda illi dawn ghosfru wara mewtha, bhal ma ghosfru l-flus kontanti u l-flus tal-kont bankarju ghall-esteru. Ovvjament, jekk dawn ghosfru, spiccaw fil-pussess tal-konvenuta Micallef u/jew bintha Amanda Caruana illi kellhom il-pussess tad-dar tad-defunta.

Illi l-konvenuta tipprova titfa' dell ikrah fuq huha billi tghid illi lanqas dehebijiet ta' missierhom ma sabu xejn. Tghid: - "*Dak ic-curkett ma rajtux meta gew neqsin il-genituri taghna pero` nghid illi kont naf li ommi nehhiet kollox pero` dak zgur ma kienitx ser tbieghu* (affidavit 7 ta' Novembru 2004)." Ovvjament, il-konvenuta Micallef qieghda tipprova tnissel suspett illi dan ic-curkett hadu huha. B'danakollu anke f'dan il-kaz din il-Qorti thoss li l-versjoni ta' l-attur li ma ha ebda curkett, anke jekk ommu offrietulu hija iktar kredibbli u verosimili u dan qieghed jinghad fuq l-iskorta tal-fatt illi meta rcieva karta tal-Bank esteru, l-attur, minflok ma pprova jigbor dawn il-flus huwa

stess, bl-aktar mod innocenti mar ta din il-karta lil ohtu l-konvenuta. Ghalhekk jidher li l-attur agixxa aktar b'mod lejali u allura anke f'dan il-kaz ma temminx illi dan ic-curkett spicca ghand l-attur. Dan kwindi jwassal ghall-konkluzjoni illi dan ic-curkett ta' Nikola Grixti wkoll ghosfor, bhad-deheb kollu ta' martu.

Illi b'danakollu, ghal darb'ohra hemm nuqqas ta' prova dwar dan u fl-ahhar mill-ahhar, minkejja li l-versjoni tal-konvenuta Micallef ma hijiex kredibbli, mill-atti processwali ma jirrizultax li llum hemm xi dehebijiet appartenenti lill-assi ereditarju, fil-pussess ta' l-istess konvenuta, u ghalhekk anke hawn it-talba ta' l-attur f'dan ir-rigward ukoll ma tistax tintlaqa'.

Illi dwar l-ghamara, mobbli, fajjenza fid-dar tad-defunti konjugi Grixti l-kontendenti jaqblu illi l-mobbli, ghamara, fajjenza u affarijiet ohra illi kienu jinsabu gewwa d-dar fejn kienu jghixu l-genituri taghhom (ossia Grixti's Cottage, Dingli Road, Buskett) fejn illum tghix Amanda Caruana (bint il-konvenuta) ma nqasmux u prezentement jinsabu kollha fil-pussess tal-konvenuta.

Illi l-konvenuta ssostni illi hija gieli staqsiet lil huha sabiex imur jara xi jrid mill-ghamara izda hu naqas milli jaghmel dan (xhieda 4 ta' Gunju 2008). Tghid illi kienet regghet staqsietu meta kienu qieghdin jizbarazzaw il-kamra fejn kienet torqod ommha u huha qalilha illi ma ried xejn. Tghid illi ghalhekk kellhom jizgombraw il-kamra ghaliex bintha riedet tuzaha, u tefghu kollox go garaxx f'Had Dingli stess, fejn acceda l-Perit Tekniku Vincent Ciliberti (xhieda tal-konvenuta 2 ta' Frar 2007).

Illi jidher ukoll illi wara illi mietet Paola Grixti, l-imsemmija Amanda Caruana baqghet taghmel uzu minn dik l-ghamara illi ghogobha, u dak li ma ghogobhiex jew tefghetu fil-garaxx imsemmi (xhieda 25 ta' April 2008), jew harqitu u rmietu (xhieda 9 ta' Novembru 2007).

Illi l-konvenuta Micallef stess tammetti illi hija zammet iz-zewg oggetti illi jidher illi kellhom xi valur ossia s-sett ta' *television* ta' 24 pulzier u l–bank tal-kcina.

Illi fic-cirkostanzi, mhux sorprendenti li l-konvenuta Micallef tenniet diversi drabi illi l-attur jista' jiehu kollox mill-ghamara, mobbli u fajjenza rimanenti: - "*Jiena nerga' nirribatti illi hija jista' jiehu dak kollu illi hemm fil-garaxx ta' Had-Dingli illi kien ta' ommi*" (xhieda Marianna Micallef tal-4 ta' Gunju 2008).

Illi dawn l-oggetti kif ga` indikati dettaljatament fil-kunsiderazzjonijiet teknici, ghandhom jigu assenjati lill-attur. Dan ghandu jsir irrispettivament mill-valur totali ta' dawn l-imsemmija affarijiet hekk stmati mill-esponenti Perit Tekniku fl-ammont totali ta' €1,368 u dan qieghed jinghad unikament ghaliex minkejja illi l-partjiet qieghdin jaqblu illi l-qasma f'certu oqsma ma saritx, tali qasma (salv ghall-qbiela minghand il-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet) qieghda ssir unikament fuq il-kliem u l-verzjonijiet illi taghti l-konvenuta illi kkapparrat id-dar ta' ommha wara mewtha - liema kliem u verzjonijiet qajla huma konvincenti. B'hekk, b'xi mod, wiehed jittama illi tkun saret gustizzja ma' l-attur ghal dawk l-ammonti fi flus u deheb illi l-konvenuta certament illi ppossessat ruhha minnhom, u li dwarhom, b'danakollu ma jezistu ebda provi.

Illi dwar l-ekwiparazzjoni in konnessjoni mal-assenjazzjoni tas-snieter jidher illi hemm qbil bejn il-partijiet illi filwaqt illi l-konvenuta hadet is-senter l-iktar gdid, kien hemm ftehim ukoll illi dawn is-snieter kellhom jigu stmati. Fil-fatt fix-xhieda taghha l-konvenuta qalet illi *"fil-fatt konna qassamniehom bi ftehim, u kont anke hallejtu jiehu dik li kienet giet assenjata lili biex jistmahhom hu. Wara l-istima tahuli lura u qatt ma semma xejn* (affidavit tal-konvenuta tas-7 ta' Novembru 2004)".

Illi jidher ghalhekk illi meta l-partijiet hadu senter kull wiehed, kien ovvju ili kien hemm differenza fil-valur ta' kull wiehed miz-zewg armi – ovvju wkoll illi kwalunkwe stima ma kellhiex issir biss ghall-kapricc, izda bil-ghan illi jkun hemm ekwiparazzjoni. Kwindi, u galadarba l-esponenti Perit Tekniku jistma s-senter illi gie assenjat lill-attur fil-valur ta' €512 mentri dak illi gie assenjat lill-konvenuta Micallef ghandu valur ta' €700, jirrizulta illi l-konvenuta

ghandha thallas is-somma ta' €94 lill-attur in linea ta' ekwiparazzjoni fir-rigward ta' l-assenjazzjoni tas-snieter.

Illi dwar spejjez ohra l-attur jghid illi l-konvenuta baqghet ma hallsitux is-somma ta' Lm29.50 rapprezentanti nofs l-ispejjez amministrattivi u spejjez ancillari inkorsi minnu in konnessjoni mat-trasferiment u l-assenjazzjoni taz-zewgt isnieter. Il-konvenuta fl-ebda punt ma tichad illi baqghet inadempjenti u la darba z-zewg partijiet gawdew minn dan it-trasferiment, tali spejjez ghandhom jigu sopportati b' mod ugwali bejniethom.

Illi min-naha l-ohra l-konvenuta sostniet illi hija wkoll inkorriet spejjez ta' Lm 45 relatati mal-hlas tal-licenzja tat-*television* (affidavit 7 ta' Novembru 2004). Izda effettivament tali spejjez kienu ancillari ghall-oggett illi hija qabdet u hadet mill-wirt tad-defunti genituri taghha u ghaldaqstant ghandhom jigu sopportati unikament minnha.

Illi fir-rigward tas-somma ta' Lm 90 illi l-konvenuta tghid illi hija hallset lil *Lands Department*, fl-affidavit taghha stess mahluf fis-7 ta' Novembru 2004, uriet dubju jekk tali somma gietx diviza bejn il-kontendenti; fil-fatt tghid "*Ghandi amment li kont hallast madwar xi Lm 90 jew aktar ghall-lands u jiena mhux certa li tahomli*". Fid-dawl ta' tali dubju, u fid-dawl ta' dak kollu fuq premess, jidher li m'hemm l-ebda provvediment illi ghandu jinghata f'dan ir-rigward.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkonsistenti ma' dak hawn deciz, u filwaqt **li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-12 u 13-il talba attrici** ghaliex ma hemmx bzonn taghhom, **tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

(1) u (2) Tiddikjara illi l-attur u l-konvenuta huma l-unici eredi universali tad-defunti Nicola u Paola konjugi

Grixti u filwaqt illi tillikwida tali assi bhala konsistenti fit-titolu ta’ qbiela fuq *tenement* 050502, il-flus kontanti, il-flus f’bank barra minn Malta, deheb, ghamara, mobbli u fajjenza fid-dar tad-defunti konjugi Grixti, tikkundanna lill-konvenuta Marianna Micallef sabiex tghaddi l-pussess ta’ l-oggetti kollha illi jinsabu gewwa l-garaxx taghha, numru 21 fi Triq Censa Spiteri, Had Dingli lill-attur fi zmien qasir u perentorju ta’ tletin (30) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza.

(3) Tiddikjara illi l-konvenuta ghandha thallas lill-attur somma flus bhala ekwiparazzjoni rapprezentanti d-differenza fil-valur tas-senter lilha assenjat u l-valur tas-senter assenjat lill-attur fid-divizjoni taz-zewg isnieter illi saret bejniethom;

(4) Tillikwida l-imsemmija somma flus illi l-konvenuta ghandha thallas lill-attur ghal dan l-iskop fl-ammont ta’ erbgha u disghin euro (€94);

(5) Tikkundanna lill-konvenuta thallas lil attur din is-somma ta’ erbgha u disghin euro (€94) kif likwidata ;

(6) Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ tmienja u sittin euro u tnejn u sebghin centezmu (€68.72) ga` disgha u ghoxrin lira maltija u hamsin centezmu (Lm 29.50) rapprezentanti nofs l-ispejjez amministrattivi u spejjez ancillari inkorsi mill-attur in konnessjoni mat-trasferiment u l-assenjazzjoni taz-zewg isnieter;

(7) Tiddikjara illi l-attur flimkien mal-konvenuta ghandhom titolu lokatizju minghand il-konvenut Kummissarju ta’ l-Artijiet fuq l-artijiet fil-limiti ta’ Had Dingli imsejha *tenement* 050502 ;

(8) Tiddikjara z-zewg irziezet u l-erbat itmiem raba’ ghandhom jigu divizi f’zewg porzjonijiet ugwali hekk kif indikat mill-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti, salv l-ekwiparazzjoni kif ser jinghad f’din is-sentenza.

(9) Tassenja lill-attur il-porzjoni indikata mill-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti bl-ittra 'B' u lill-konvenuta Micallef il-porzjon indikata mill-istess Perit Tekniku bl-ittra 'A', skont il-ftehim ga` milhuq bejniethom u l-konsegwenti pussess minnhom mizmum, u tordna lill-konvenuta Micallef thallas lill-attur is-somma ta' tnax-il elf, mija u sebghin euro u tmienja u disghin centezmu (€12,170.98) dovuti in linea ta' ekwiparazzjoni in konnessjoni ma' tali assenjazzjoni;

(10) Tikkundanna lill-konvenuta sabiex taghmel dak kollu mehtieg u necessarju sabiex tinghata ezekuzzjoni shiha u effettiva ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi ghal dan l-assenjament u ghal dawn l-ordnijiet tal-Qorti ;

(11) Tinnomina bhala kuratur deputat lil Dr. Maxiline Pace biex tirrapprezenta lill-konvenuta Marianna Micallef fl-eventwali kontumacja taghha fuq kull att u/jew skrittura li tkun mehtiega sabiex dan kollu jinghata ezekuzzjoni shiha u effettiva skont il-ligi.

(12) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba ghaliex ma hemmx bzonn tali nomina.

(13) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba ghaliex ma hemmx bzonnha.

(14) Tordna lill-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet sabiex jidher fuq kwalsiasi att u/jew skrittura u sabiex jaghmel dak kollu illi huwa mehtieg u necessarju in ezekuzzjoni ta' dan l-istess ordni u sabiex tali divizjoni u assenjazzjoni ta' l-immobbli lokati tinghata ezekuzzjoni shiha u effettiva skont il-Ligi.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza, nkluz tal-Kummissarju tal-Artijiet, ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn iz-zewg kontendenti l-attur Vincenzo Grixti u l-konvenuta Marianna Micallef.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------